MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 582/2013

**Av. Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas AG**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Sacha Guillaumier gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Offshore International Development Limited,**
**RM 907 WO 001 Wing Tuck Comm**
**Ctr 177-183 Wing Lok ST HK China, u**
**lis-socjeta' Banque Al Baraka D'Algerie**
**b'digriet tas-26 ta' Lulju 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-14 ta' Gunju 2013 li jghid hekk:

1. Illi l-ewwel socjeta rikorrenti adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam tal-Olanda hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji distintiv maghruf bhala "three stripes device" liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal zraben sportivi, abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A";

2. Illi dina l-ewwel socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta industrijali tal-istess markju "three stripes device" fil-komplessita tieghu irregistrat fir-Registru tal-Marjki f'Malta taht *Trademark No.* 29740 (kif muri f'Dok. "A"), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina l-ewwel s-socjeta rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-d-disinn jew xoghol artistiku "three stripes device" u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi t-tieni socjeta rikorrenti adidas AG, ta' Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" liema markji huma wzati mis-socjeta rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal zraben sportivi, abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "B", "C", "D" u "E";

4. Illi dina t-tieni socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta industrijali tal-istess markji distintivi "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" fil-komplessita taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No.* 10994 (kif muri f'Dok. "B"), *Trademark No.* 30173 (kif muri f'Dok. "C"), *Trademark No.* 13562 (kif muri f'Dok. "D"), *Trademark No.* 29878 (kif muri f'Dok. "E") kif ukoll minhabba l-fatt illi dina t-tieni socjeta rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xogholijiet artistici "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar

Proprjeta’ Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi jirrizulta illi fl-10 ta’ Mejju 2013 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA CGM ENFIELD”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi u abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li jgibu l-markji tas-socjetajiet rikorrenti fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’disat elef mitejn u erbgha u erbghin (9,244) pari zraben sportivi u f’elfejn sebgha mija u sitta u tletin (2,736) bicca f’abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi b’Container Numru FCIU8777656, u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-artikolu 4 tal-Kap. 414;

6. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru GGZ0511654 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “L”) jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi u tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala “To The Order Of Banque Al Baraka D’Algerie”, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma indikati bhala “Offshore International Development Limited, RM 907 WO 001 Wing TuckComm Ctr 177-183 Wing Lok ST HK China”;

7. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Illi dawn iz-zraben sportivi u abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device”, “three stripes device on clothing”, “trefoil device” u “adidas”, kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xogholijiet artistici protetti bil-Kap. 415 tal-Ligijiet ta’ Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u

dan skond l-artikolu 2(1)(b) tal-Kap. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tal-ewwel socjeta rikorrenti adidas International Marketing B.V. f'isem iz-zewg socjetajiet rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "F");

9. Illi din il-konsenja ta' zraben sportivi u abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu z-zewg socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "G");

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi u l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi u abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li tikkonsisti f'disat elef mitejn u erbgha u erbghin (9,244) pari zraben sportivi u f'elfejn sebgha mija u sitta u tletin (2,736) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportive b'Container Numru FCIU8777656, da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet s-socjeta rikorrenti lill-

Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali ta' dina s-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta rikorrenti bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta rikorrenti, jigifieri adidas AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi u abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li tikkonsisti f'disat elef mitejn u erbgha u erbghin (9,244) pari zraben sportivi u f'elfejn sebgha mija u sitta u tletin (2,736) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi b'Container Numru FCIU8777656, da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali ta' dina s-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet dwar Proprejta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta rikorrenti bin-Numri 10994, 30173, 13562, u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta rikorrenti ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha "three stripes device on clothing", "trefoil device" u "adidas";

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi u l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjetajiet intimati jew min minnhom, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kontront tas-socjetajiet rikorrenti;

6. Tordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi u l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjetajiet intimati jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati rapprezentanti tas-socjeta Offshore International Development Limited tas-16 ta' Settembru 2013 li tghid hekk:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati rapprezentanti tas-socjeta Banque Al Baraka D'Algerie Limited tas-16 ta' Settembru 2013 li tghid hekk:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjetajiet attrici huma proprjetarji fost ohrajn tal-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device”, “three stripes device on clothing”, “trefoil device” u ”adidas”, liema markji huma uzati minn dawn is-socjetajiet fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti A sa E, liema markji huma registrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark numri 29740, 10994, 30173, 13562 u 29878.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’container numru FCIU8777656 kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur MV CMA CGM ENFIELD li kien diehel Malta fl-10 ta’ Mejju 2013 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ zraben sportivi u abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li jgibu l-markji tas-socjetajiet rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f’disat elef mitejn u erbgha u erbghin (9,244) pari zraben sportivi u f’elfejn sebgha mija u sitta u tletin (2,736) bicca f’abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 21 ta’ Mejju 2013 (Dok. F fol. 19) maghmul minn T.G.J. Behean, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjetajiet attrici inizjaw dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius Dok. GA1 fol. 140 datat 30 ta’ Settembru 2013 li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta’ T.G.J. Behean li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius Dok. GA1 fol. 141. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja ta' disat elef mitejn u erbgha u erbghin (9,244) pari zraben sportivi u ta' elfejn sebgha mija u sitta u tletin (2,736) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi b'Container Numru FCIU8777656, in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' disat elef mitejn u erbgha u erbghin (9,244) pari zraben sportivi u ta' elfejn sebgha mija u sitta u tletin (2,736) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi b'Container Numru FCIU8777656, da parti tas-socjetajiet intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjetajiet rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjetajiet rikorrenti u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq ix-xoghol artistiku taghhom “three stripes device”, “three stripes device on clothing”, “trefoil device” u “adidas”;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda

kumpens lil, u a spejjez tas-socjetajiet intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjetajiet intimati jhallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit ta' George Agius a fol. 141;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------